# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 22 ta' Marzu 2000**

**Numru 2**

**Rikors numru 708/99 DS**

Vincent Attard
vs
Onorevoli Prim Ministru, Attorney General, Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in rapprezentanza ta’ l-istess, u Carmel P. Sammut u Mario Meli ghall-interess li jista’ jkollhom

Illum, 22 ta’ Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fl-14 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu r-rikorrent wara li ppremetta illi huwa gie akkuzat quddiem Bord ta' Dixxiplina formanti parti mill-proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku talli fit-28 ta' Lulju 1998 awtorizza sbank ta' Lm18,739.52,0 a favur ta' l-ahwa Nicholas sive Lino u Maria Dolores sive Doris Debono meta kien hemm zewg mandati ta' sekwestru mahrugin mill-Qorti bin-numri 2420/98 kontra Nicholas sive Lino Debono u Maria Dolores sive Doris Debono.

Illi dawk l-akkuzi huma ta' natura penali.

Illi skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa ghandu dritt ikun giudikat minn Tribunal Indipendenti u imparzjali.

Illi huwa gie imsejjah biex jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li tnejn mill-membri tieghu, in quanto huma impjegati tal-Gvern, ma jistghux jigu konsiderati bhala indipendenti u imparzjali.

Illi dan il-fatt jilliedi d-drittijiet fondamentali tieghu kif fuq indikat.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi, stante l-imsemmija vjolazzjoni, l-proceduri kontra tieghu quddiem l-istess Bord kif kompost huma nulli u inefficaci, u dan barra dawk l-ordnijiet u direttivi li joghgobha tohrog din il-Qorti sabiex tirreprimi l-imsemmija vjolazzjoni u tassigura lir-rikorrent il-garanziji fondamentali li ghandu.

Rat ir-risposta ta' l-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, Carmel P. Sammut u Mario Meli fejn qalu:

1 illi r-rikors odjern huwa null stante li m'hemm ebda indikazzjoni ta' l-indirizz tar-rikorrent fejn ikun jista' jigi nnotifikat.

2 Illi la l-Onorevoli Prim Ministru u lanqas l-Avuka Generali m'huma legittimi kontradditturi fil-kawza odjerna u dan ai termini tal-artikolu 181 B tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt la wiehed u lanqas l-iehor m'huma responsabbli fil-hatra tan-nies biex joqghodu fuq il-bordijiet tad-dixxiplina.

Illi lanqas l-intimati l-ohra fuq imsemmija m'ghandhom ikunu legittimi kontradditturi fil-kawza odjerna stante li dawn m'humiex responsabbli ghall-hatra taghhom stess u ma jirrispondux ghal xi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali.

3 Illi l-proceduri odjerni ma jaqghux taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li kien ispirat minn tali Konvenzjoni stante illi dawn il-proceduri huma dixxiplinari. L-artikoli in kwistjoni jkopru biss akkuzi ta' reati jew obbligazzjonijiet civili. Fil-kaz odjern, qatt ma jista' jkollok akkuza ta' reat stante illi mhix il-kompetenza tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li tiddetermina dan ghaliex akkuzi dwar reati jaqghu taht il-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati jew dawk superjuri.

4 Lanqas ma hawn kwistjoni ta' natura civili stante illi fejn hemm bordijiet tad-dixxiplina gie reputatament ritenut mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem illi tali kazi ma jitqisux bhala drittijiet jew obbligi civili. Biex jinghata ezempju wiehed qed issir referenza tal-kaz "Nigel versus France" (17 ta' Marzu 1997) fejn intqal:

"In the law of many member states of the Council of Europe there is a basic distinction between civil servants and employees governed by private law. This had led the Court to hold in earlier cases that 'disputes relating to the recruitment, careers and termination of service of civil servants ara as a general rule outside the scope of Article 6 par.1.'

Miss Nigel had essentiallay been seeking reinstatement to the permanent post of shorthand typist at Biarritz Town hall that she bad held previously. The dispute raised by her had clearly related to her 'recruitment' her 'career' and 'the termination of her service'. It had therefore not concerned a 'civil right' within the meaning of Article 6 (1).

In short, Article 6(1) does not apply in the instant case."

5 Kaz iehor li huwa relevanti huwa X versus the U.K. L-applikant kien ufficjal tal-pulizija li kienu ttiehdu passi dixxiplinarji kontrih li eventwalment wasslu ghat-tkeccija tieghu mill-Korp tal-Pulizija. Il-Kummissjoni qalet hekk:

"Police Officers are specially selected and trained by the state in order to perform on its behalf tasks related to maintaining public order. In the exercise of all their functions, they are exclusiveley subordinated to governmental authorities and do not enter into contractual relationships of a private nature. Whatever the legal qualification of their employment is, the Commission considers that they have no 'civil right' within the meaning of Article 6, para. 1, to continue to perform their functions. It follows that the procedure complained of in the instant case did not involve "civil rights and obligations" of the applicant."

6 *Fuq kollox dan il-punt diga' gie deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u kopja ta' din is-sentenza qed tkun inkluza ma din ir-risposta.*

Din is-sentenza lanqas biss kienet appellata. (Dok. "A" hawn anness).

7 Illi l-membri mahtura mill-Bord huma imparzjali u dan ghaliex ic-Chairman huwa retired civil servant u llum m'ghandux x'jaqsam mac-Civil waqt li l-membri l-ohra jidhru f'lista pprovata mill-Unions li jirrapresentaw lill-impjegati civili.

8 Ghaldaqstant din l-onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha fir-rikors promotorju kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn qalet:

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg premessi li huma t-tnejn zbaljati, u cioe':

1. Li l-akkuza kontra tieghu hi "ta' natura penali".

2. Li hu sa jigi gudikat mill-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u dan "it-Tribunal" mhuwiex indipendenti u imparzjali:

Illi l-akkuza kontra r-rikorrenti hi li fit-28 ta' Lulju 1998 hu awtorizza l-izbank ta' somma depositata l-Qorti meta din kienet milquta minn zewg mandati ta' sekwestru. Hu qed jinvoka l-protezzjoni tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-artikolu inciz jikkontempla l-kaz ta' xi hadd
li "ikun akkuzat b'reat Kriminali". Dawn ir-reati huma d-delitti u l-kontravvenzjonijiet kontenuti fil-Kodici Kriminali jew f'ligijiet ohra mghoddija mill-Legislatura, u li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Kriminali. Ir-Rikorrent hu invitat jiccita l-ligi li tahtha l-akkuza dedotta kontra tieghu tikkostitwixxi delitt jew kontravvenzjoni punibbli b'pieni kriminali.

Illi a rigward tat-tieni premessa tar-rikors ghandu jigi rilevat li la l-Kummissjoni u wisq anqas il-Bord ta' Dixxiplina m'ghandhomx il-funzjoni li jiggudikaw lir-rikorrent jew jezercitaw kontroll dixxiplinari fuqu. Skond l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni hu biss il-Prim Ministru li ghandu l-fakolta' li jnehhi mill-kariga ufficjal pubbliku u li jezercita kontroll dixxiplinari fuqu. Il-Kummissjoni taghmel biss ir-rakkomandazzjonijiet taghha. Dan il-poter hu moghti lilha mill-

Kostituzzjoni stess, u hi protetta skond l-istess Kostituzzjoni minn proceduri legali (art. 115) biex tkun tista taqdi sew id-doveri taghha.

Illi l-Bord ta' Dixxiplina li huwa semplici Bord u mhux Tribunal, ghandu biss il-funzjoni li jinvestiga l-kaz li jinbaghat quddiemu, u jaghti lill-Kummissjoni l-konkluzjonijiet tieghu dwar il-fatti tal-istess kaz (art. 17 tar-Regolamenti tal-1977). Il-kazijiet li jistghu jinbaghtu quddiemu huma limitati unikament ghal kazijiet ta' dixxiplina (art. 16 (1) tar-Regolamenti). L-akkuza kontra r-rikorrent mhi xejn hlief allegazzjoni ta' ksur ta' dixxiplina. Hadd hlief huwa stess mhu qed jippretendi li hemm allegazzjonijiet li hu hati ta' delitt jew kontravenzjoni Kriminali.

Illi l-konkluzjonijiet tal-bord ma jorbtu lill-Kummissjoni bl-ebda mod u hija libera taddothom, temendhom jew tiskarthom fir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Prim Ministru (art. 23 tar-Regolamenti).

Illi l-Bord mhu xejn hlief il-"longa manus" tal-Kummissjoni, u gie kreat in forza tal-istess Kostituzzjoni. L-artikolu 121 (gia' 123) jaghti fakolta' lill-Kummissjoni li, bil-kunsens tal-Prim Ministru, b'regolament jew xort'ohra tirregola l-procedura taghha stess u "taghti setghat u timponi dmirijiet fuq kull ufficjal pubbliku jew awtorita' tal-Gvern ta' Malta ghal-fini tal-qadi tal-funzjonijiet taghha". Bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni ghamlet ir-Regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 5 tal-1977. Skond l-artikolu 16(2)(b) iz-zewg Membri tal-Bord li jikkomponuh flimkien mac-Chairman ghandhom ikunu nominati mis-Segretarju Amministrattiv "minn lista ta' ufficjali pubblici" kif specifikat f'dak is-subinciz. Il-protezzjoni minn proceduri legali hi estiza mill-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni anke ghall-membri ta' dan il-Bord, u l-kwistjoni jekk "xi ufficjal pubbliku jew awtorita' tkunx qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni" ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda qorti.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 1999 fejn Dr. Lawrence Quintano ghall-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali , Carmel P. Sammut u Mario Meli rtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

1. Mir-rikors promotur jidher li r-rikorrent qieghed jilmenta li l-Bord ta' Dixxiplina li gie msejjah quddiemu ma jistax jigi kkunsidrat bhala tribunal indipendenti u imparzjali peress li (1) tnejn mill-membri huma impjegati tal-Gvern u (2) l-akkuzi li ngabu kontra tieghu huma ta' natura kriminali.

2. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi."*

L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid:

> *"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu ... jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi."*

U l-artikolu 39(2) jipprovdi:

> *"Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-edcizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali."*

3. Kemm l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jispecifikaw illi d-drittijiet msemmija hemm jispettaw lil dik il-persuna li fil-konfront taghha tkun ser tittiehed **decizjoni** dwar id-drittijiet civili u obbligi taghha jew, fil-kaz biss ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dwar akkuza kriminali li tkun ingabet kontriha. Fil-kaz ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan ighid illi s-smiegh irid isir minn **qorti** u b'hekk hu intiz illi l-korp kostitwit irid ikollu l-poter li jorbot il-partijiet bid-decizjoni li jaghti.

**Decizjoni/Qorti**

4. Issa, l-intimata l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fir-risposta taghha, spjegat illi l-Bord tad-Dixxiplina kien semplici bord b'funzjoni li jinvestiga l-kaz li jkun ingab quddiemu. Din tkompli tispjega kif dan il-Bord imbaghad jghaddi l-konkluzjonijiet tieghu lill-Kummissjoni u dan skond regolament 17 ta' l-A.L. 5 tal-19977. Jigi osservat li r-Regolamenti ta' l-1977 thassru permezz ta' l-Avviz

Legali 186 ta' l-1999 isda skond is-subartikolu (2) tar-Regolament 43, "meta jkunu nbdew proceduri dixxiplinarji taht u skond ir-Regolamenti ta' l-1977, dawk il-procedimenti ghandhom jitkomplew u jintemmu taht u skond ir-regolamenti msemmija hawn aktar qabel bhallikieku dawn ir-regolamenti kienu ghadhom isehhu."

5. Minn ezami tar-regolamenti kontenuti fl-A.L. 5 tal-1977 jirrizulta illi skond ir-regolament 16(1), il-Bord ta' Dixxiplina hu mahtur sabiex *"**jistharreg** il-kazijiet ta' dixxiplina li jintbaghtu ghandu".* Ir-regolament 17(1) ta' l-istess A.L. jirrepeti dan u jzid jghid illi l-Bord ghandu "*jaghti lill-Kummissjoni l-**konkluzjonijiet** tieghu dwar il-fatti tal-kaz";*

   Skond ir-Regolament 21(1) il-Bord ghandu jghaddi l-konkluzjonijiet tieghu wkoll lis-Segretarju Amministrattiv, lill-Kap tad-Dipartiment u lill-ufficjal akkuzat u a tenur tar-Regolament 23(3) il-Kummissjoni wara li tikkunsidra l-kaz, flimkien mas-sottomissjonijiet li jkun sarulha u l-konkluzjonijiet tal-Bord, taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Prim Ministru kemm fuq il-htija jew xort'ohra tal-persuna akkuzata u kemm dwar il-piena jekk ikun il-kaz.

6. Qabel xejn, issir riferenza ghal dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-11 ta' April 1995, fl-ismijiet **Rose Anne Galea vs l-Onerevoli Prim Ministru et** , meta kellha appell quddiemha minn sentenza illi kienet iddecidiet illi ma kinux applikabbli l-art. 6 tal-konvenzjoni Ewropea u l-art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fir-rigward tal-proceduri mehuda minn Bord ta' Inkjesta mwaqqaf taht il-Kap 273 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni illi *'Minn ezami ta' dak li hemm fil-ligi kostituttiva - Kap 273 - l-Att dwar l-inkjesti, ma jidhirx li l-Bord ta' Inkjesta li jigi nominat biex jinvestiga biss* l-allegazzjoni kontra xi persuna - jikkwalifika bhala *tribunal jew Qorti, sakemm hija ma tkunx akkuzata b'reat kriminali li tieghu l-Bord seta' b'xi mod isibha hatja u jikkundannaha (artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni) u lanqas ma jkollu l-kompetenza, l-istess Bord, li jistabilixxi l-ezistenza jew estenzjoni tad-drittjiet jew obbligi civili ta' dik il-persuna (artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni)'.* Pero' peress illi ai termini ta' l-art. 4(4) ta' dak l-Att kienu nhargu *terms of reference* ukoll li kienu jipprovdu ghat-tehid ta' decizjoni dwar l-allegazzjonijiet maghmula u fil-kaz ta' decizjoni affermattiva, li tistabilixxi jekk l-ufficjal pubbliku kien ikkommetta l-allegati abbuzi u rregolaritajiet, dik l-Onorabbli Qorti stqarret illi dan kellu l-effett li jalloka funzjoni decizjonali lill-Bord in kwistjoni. B'hekk dan kellu

jitqies bhala tribunal skond il-provvedimenti ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-fehma taghha mbaghad '*jrid pero' jigu wkoll stabbiliti l-iskopijiet ta' dik l-investigazzjoni u ta' dawk id-decizjonijiet'.*

7. Jekk wiehed iqis biss il-fatt illi l-Bord tad-Dixxiplina ghandu jasal ghall-**konkluzjonijiet** tieghu, allura certament wiehed jista' jghid illi l-proceduri huma ta' natura gudizzjarji li jwasslu ghal decizjoni. Pero' wiehed irid jezamina din il-procedura mhux hekk maqtugha mill-katina shiha li ghaliha tipprovdi l-ligi, izda fil-kuntest kollu ta' dawk il-proceduri dixxiplinarji fejn fl-ahhar mill-ahhar id-decizjoni tinghata mill-Prim Ministru. Fil-fatt jirrizulta illi l-Bord ma jaghtix dak li jissejjah mill-Qorti Ewropea *'a binding decision'* u dan ghaliex id-decizjoni finali, kif ghadu kif inghad, ma jehodiex hu izda l-PM.

8 Huwa wkoll opportun li wiehed jaghmel riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-21 ta' Frar 1996, fl-ismijiet **Antoine Tagliaferro et vs Onor. Prim Ministru et.** u fil-21 ta' April 1996, fl-ismijiet **Antonia Bartolo pro et noe vs Onor. Prim Ministru et.** Fl-ewwel proceduri, il-Qorti Kostituzzjonali kellha quddiemha kaz fejn l-appellanti ssottomettew illi l-proceduri li ghalihom kien jipprovdi l-art. 10 tal-Kap 320 (Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji) ma kinux konformi ma l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress illi rakkomandazzjonijiet moghtija mill-Kummissjoni setghet tigi regettata mill-PM. Wara ghamlet riferenza ghal dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tal-15 ta' April 1994 fl-ismijiet **Van Der Hurk vs The Netherlands,** dik l-Onorabbli Qorti qalet illi *"l-elementi sine qua non ghall-applikazzjoni ta' dawn il-principji jridu jkunu hemm 'a binding decision' mhux (l-ghoti ta' parir jew rakkomandazzjoni wara investigazzjoni) u li din tinghata minn 'Tribunal', mhux Kummmissjoni bla poteri decizjonali".* Fit-tieni sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi r-rapport tal-Bord ta' Inkjesta "*ma jista' jaffetwa la negattivament u lanqas pozittivament, is-sitwazzjoni ta' dawk kollha li jigu msejha biex ikunu jew li minn rajhom jaghzlu li jsiru parties fl-inkjesta"* u b'hekk kompliet biex tghid illi l-Bord ma kellu l-ebda poter li jaghti "*a binding decision".* Dan qalitu in vista ta' dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz diga' msemmi meta din spjegat illi "*In the Court's opinion the power to give a binding decision which may not be altered by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "Tribunal" as is confirmed by the word "determination" (qui decidera)".*

**Reat Kriminali**

9. Il-Qorti Ewropea stabbiliet il-kriterji li fuqhom wiehed ghandu jimxi sabiex jigi stabbilit jekk l-akkuza tkun ta' natura kriminali jew le, fis-sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 1976, fil-**Case of Engel and others,** u cioe':

   a. il-klassifikazzjoni ta' l-akkuza skond il-ligi tal-pajjiz.

   Il-Qorti Ewropea spjegat illi dan il-kriterju hu biss punto di partenza. Dan ghaliex sussegwentement hi kienet lesta li tezamina l-klassifikazzjoni fid-dawl tal-ligijiet tal-pajjizi l-ohra membri.

   b.in-natura ta' l-offiza

   Dan il-fattur, qalet il-Qorti Ewropea, kien ghalhekk aktar importanti. Fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz quddiemha, hi qalet illi jekk persuna fis-servizz jinstab akkuzat b'att jew b'ommissjoni kontra regolament ta' l-armata, allura kien sew illi l-istat jimponi fuqu l-ligi dixxiplinarja u mhux dik kriminali.

   c. in-natura u s-severita' tal-piena

   Fir-rigward ta' dan il-kriterju, il-Qorti Ewropea qalet illi ghalkemm deprivazjoni tal-liberta' ta' l-individwu tigi kkunsidrata li taqa' taht l-ambitu ta' dak li hu kriminal, hemm certu eccezzjonijiet li skond in-natura taghhom, id-durata u l-mod ta' esekuzzjoni li mhumiex daqshekk detrimentali ghall-individwu.

   Qabel xejn irid jinghad illi l-istess Qorti Ewropea fis-sentenza li tat fil-**Lutz Case** fil-25 ta' Awissu 1987, ziedet illi dawn l-ahhar zewg kriterji kienu alternattivi ta' xulxin fis-sens illi l-akkuza hi ta' natura kriminali jekk l-offiza hi fin-natura taghha kriminali jew il-piena fin-natura u s-severita' taghha ghandha titqies bhala kriminali.

10. Dawn l-istess kriterji gew adottati sussegwentement f'diversi proceduri ohra quddiem l-istess Qorti (ara **Ozturk Case** sentenza tal-21 ta' Frar 1984, **Case of Campbell and Fell** sentenza tat-8 ta' Gunju 1984 u **Lutz Case** sentenza tal-25 ta' Awissu 1987) u sahansitra quddiem il-Kummissjoni (**Societe Stenuit v. France** rapport tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 1990).

11. Dwar in-natura ta' l-offiza, mill-kazistika tal-Qorti Ewropeja u mir-rapporti mahruga mill-Kummissjoni, jirrizulta illi jekk regolament hu ntiz sabiex jissalvagwardja l-interessi generali tas-socjeta', allura dak ir-regolament jaqa' fl-ambitu tal-ligi kriminali.

12. Fil-**Albert and Le Compte Case,** il-kummissjoni fir-rapport taghha ta' l-14 ta' Dicembru, 1981, qalet illi r-regolamenti in ezami ma kinux intizi sabiex jissalvagwardjaw is-socjeta' izda l-unur u d-dinjita' tal-professjoni medika u ta' l-awtoritajiet stabbiliti minn dik il-professjoni, u b'hekk il-vjolazzjoni ma setghetx tigi kkunsidrata bhala att kriminali. Anqas minn tlett snin wara, fis-sentenza taghha fil-**Ozturk Case,** tal-21 ta' Frar 1984, il-Qorti Ewropeja spjegat illi regolament tat-traffiku kien intiz sabiex jirregola s-socjeta' u mhux sezzjoni ta' individwi biss, bhal ma kien fil-kaz ta' regolamenti dixxiplinarji. Ghalhekk hawn diga' ghandna ndikazzjoni cara illi dawn ta' l-ahhar ghandhom jinghataw trattament divers. Fil-**Campbell and Fell Case,** il-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 1984 marret oltre' dak li kienet qalet l-istess Qorti fis-sentenza taghha precedenti. Hi kkunsidrat illi fl-ewwel lok jezistu kazijiet ta' dixxiplina li huma aktar serji u fit-tieni lok, certu atti jistghu wkoll jaqghu fl-ambitu tal-ligi kriminali.

13. Ghalkemm wiehed jifhem illi l-kazistika tal-Qorti Ewropeja merament abbazi tan-natura ta' dak il-korp kostitwit, hi ta' aktar importanza mir-rapporti tal-Kummissjoni u l-opinjonijiet mahruga minnha, dak li ntqal f'dawk ir-rapporti jista' jiccara sew dak li jkun ntqal mill-Qorti Ewropeja.

14. Hekk fir-rapport tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Marzu 1978, fil-**Eggs Case,** din qalet illi meta wiehed impjegat ma l-Armata jirrifjuta illi jaghti certu servizz skond ordni li tkun inghatatlu, il-kwistjoni tirrigwarda vjolazzjoni ta' regola legali li tipprovdi ghall-operat intern tal-forzi armati. Ghalhekk kompliet tghid illi *'it does not, in the particular sector of the armed forces, affect the general interests of society normally protected by criminal law'.* Aktar recenti, cioe' fir-rapport li harget il-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 1990, fil-**Societe Stenuit Case,** hi qalet illi r-regolament li nhareg fil-forma ta' Ordni fit-30 ta' Gunju 1945 kien jolqot l-interessi generali tas-socjeta' li s-soltu kienu jigu protetti mill-ligi kriminali. Inoltre l-Ministru kellu d-diskrezzjoni li jghaddi l-process lill-prosekutur izda b'hekk hu ma setax jimponi l-multa u ghalhekk il-Kummissjoni qalet illi l-istess multa kienet tissostitwixxi il-piena li l-qrati kriminali setghu mponew f'dik l-eventwalita'.

15. Fl-opinjoni taghha tad-29 ta' Mejju 1961, **Ap. 734/60** fir-rigward ta' l-ammissibilita' jew oltre ta' l-applikazzjoni quddiemha, il-Kummissjoni qalet illi kien car illi l-kaz quddiemha fejn l-applikant kien gie mixli quddiem il-Qrati Germanizi Dixxiplinarji fir-rigward tal-kondotta hazina tieghu fil-kariga li kellu, ma kinux jirrigwardaw d-determinazzjoni tad-drittijiet civili u wisq anqas ta' offiza kriminali ghaliex l-art. 6 kien japplika biss fir-rigward ta' persuni akkuzati b'reati skond il-kodici penali u mhux ghal impjegati tac-civil fir-rigward ta' akkuzi dixxiplinarji. Fl-opinjoni taghha tas-6 ta' Marzu 1980, **Ap. 8185/78,** wara li ghamlet riferenza ghall-kriterji li l-Qorti Ewropea stabbilit fil-*Case of Engels and others,* il-Kummissjoni nnotat illi fil-kaz quddiemha ma kien jidher l-ebda cirkostanzi specjali li setghu jgibuh fl-ambitu ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-kaz kien jikkoncerna carament offiza ta' natura dixxiplinarja, cioe' illi l-applikant kien naqas mid-doveri tieghu bhala impjegat tac-civil fejn tipikament is-sanzjoni hi wahda ta' ligi dixxiplinarja kontra ligi kriminali. Fil-fatt din is-sanzjoni bl-ebda mod ma kellha x'taqsam mad-drittijiet u obbligi civili tal-applikant. Fl-opinjoni taghha tat-8 ta' Ottubru 1980, **Ap.8496/79,** il-Kummissjoni qalet illi meta l-applikant kien gie kostrett jirrizenja minn mal-pulizija, din il-piena kienet tipikament ta' natura dixxiplinarja ghal dak il-korp u mhux ta' natura penali. Ghalhekk wara li hadet wkoll il-fatturi kollha rilevanti ghall-kaz, ma jistax jinghad illi kien hemm gudizzju fuq akkuza kriminali ai termini ta' l-art. 6 tal-konvenzjoni.

16. Dwar in-natura u severita` tal-piena jinghad li fl-opinjoni li tat il-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 1990 fil-**Societe Stenuit Case**, filwaqt li kkwotat dak li qalet il-Qorti Ewropea stess fil-**Ozturk Case** fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1984, qalet illi l-pieni huma ntizi bhala deterrent u jikkonsistu kemm f'multi kif ukoll id-deprivazzjoni tal-liberta` personali ta' l-individwu. U dan ghalkemm mhux kull multa u piena mposta hi l-konsegwenza ta' provvediment kriminali. Fil-fatt fis-sentenza li tat f'dan l-ahhar kaz, il-Qorti Ewropea qalet illi *"there generally come within the ambit of the criminal law offences that make their perpetrator liable to penalties intended, inter alia, to be deterrent and usually consisting of fines and of measures depriving theperson of his liberty."*

17. Issa l-Bord ta' Dixxiplina m'ghandhiex il-funzjoni li timponi xi piena u lanqas ma hi l-funzjoni taghha li tirrakkommanda xi piena. U l-piena li tista' tigi ghall-grazzja tal-argument imposta eventwalment

mill-Prim Ministru ma taqax fil-klassifika ta' piena kriminali. Hawn il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet "Alfred Zammit vs Avukat Generali tar-Republika et" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Dicembru 1997 (Rikors Kostituzzjonali 547/96 FGC).

18. Fl-ahharnett jigi osservat li l-A.L. 5 ta' l-1977 jirrigwarda biss settur tas-socjeta`, cioe` s-servizz pubbliku, u ghalhekk il-gurisdizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina hi limitata ghall-persuni impjegati ma' dak is-servizz u l-istess Bord jezamina l-kondotta ta' l-impjegat bhala ufficjal pubbliku. Hekk f'**Neigel vs France** deciz mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Marzu 1997 gie osservat li *"civil servants' rights and obligations were governed by the rules of the civil service, which could be altered by the public authorities. These rules distinguished civil servants from employees governed by private law in being based on the notion of 'public service' and on the special rights of the employer as public authority rather than on agreement"*

19. Fuq l-iskorta tad-decizjonijiet imsemmija u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha maghmula ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jippretendi li huma applikabbli l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR

Prim'Awla tal